MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 980/2011

**Joseph Caruana [ID. Nru. 517557M]**

**vs**

**Marlon Howes [ID. Nru. 0041239A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tlett elef u disgha u ghoxrin euro (€3029) liema ammont jirrapprezenta danni inkorsi mill-attur bhala konsegwenza ta’ kollizzjoni li sehhet fl-20 ta’ Novembru, 2009 bejn il-vettura KIA Pride b’numru ta’ registrazzjoni GBI-289 misjuqa mill-konvenut Marlon Howes u karrozzella proprjeta ta’ l-attur li f’dak il-mument kienet parkeggjata f’Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar, liema kollizzjoni sehhet unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-24 ta' Frar, 2012, nhar it-23 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra li l-kawza hija dwar hlas ta' danni fl-ammont ta' €3029, liema danni kienu kkawzati fuq karrozzella proprjeta ta' l-attur li kienet parkeggjata f'Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar meta l-istess konvenut baqa diehel fl-imsemmija karrozzella bil-vettura tieghu tat-tip KIA Pride bil-pjanca ta' registrazzjoni GBI-289 nhar l-20 ta' Novembru, 2009.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett elef u disgha u ghoxrin euro (€3029), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------